**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA**

**21 ta' OTTUBRU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia u s-Sur David Abdilla nfurmaw li ma setgħux jattendu għas-seduta jinsabu msiefra **Dok 1 u 2 mehmuż.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**7.1** *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*

7.1.1 Fir-rigward ta' punt 6.5.1 il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'risposta kellu l-Kunsill fuq il-kwistjoni jekk il-Kunsill kellux ikun magħrraf b'kull żvilupp li jsir fir-raħal.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbed li l-Mepa kienet l-uniku awtorita' li wieġbet, fejn infurmat li l-bankina hi art tad-Dipartiment tal-Artijiet u fuq applikazzjoni DNO hi kienet obbligata li tagħti permess biex tali monument isir.

F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk

kulħadd ser jaġixxi b'dan il-mod, għallura l-Kunsill ikun qiegħed hawn għal xejn u żied jgħid li kulħadd għandu moħħ biex jaħseb li fil-futur ser ikun hemm sitwazzjonijiet simili fejn il-Kunsill ser jinqabeż.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssuġġerixxa biex il-Kunsill jikteb uffiċċjalment lill-Ministru għal-Gvern Lokali fejn jiġbed l-attenzjoni ta' din is-sitwazzjoni u sitwazzjonijiet simili li l-Kunsill jista jaffaċċja.

Kien hemm qbil fuq dan.

7.1.2 Ġew approvati l-minuti tas-sitt seduta.

*7.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*

7.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 17.

7.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Turizmu u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

*7.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*

7.3.1 Il-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numri 23 u 24 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 62 ġew approvati.

Fir-rigward tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar, il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill (li kif dejjem saħaq hu hemm miktub fl-istess minuti) li l-wardens wara l-mina ta' Ħal Kirkop, kienu hemm biss biex jonsbu l-kontravenzjonijiet għall-introjtu li jigwadanja l-istess Reġjun. Hu żied jgħid li kien dejjem favur il-wardens imma meta l-affarijiet isiru b'ġustizzja ma' kulħadd.

*7.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

7.4.1 Is-Sindku qal li waqt iż-żjara li kellu f'Morphu, kien milqgħuh tajjeb ħafna u l-membri tal-Kunsill waslu t-tislijiet tagħhom lill-Kunsilliera Żrieraq.

Hu qal li ġie nfurmat li fi ftit snin oħra (wara 40 sena) iċ-ċiprijotti ser jieħdu l-art lura mingħand it-Torok, sabiex ikunu jistgħu jokkupawha huma.

7.4.2 Is-Sindku faħħar l-attivita' ta' Festa Ħut, u l-għajnuna li ta l-Kunsillier Pierre Farrugia li ħa ħsieb l-organizzazjoni u lill-Viċi Sindku Rita Grima u l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra Kevin Sam Farrugia tal-għajnuna kbira li taw waqt l-attivita'.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra formali ta' ringrazzjament lis-Sur Kevin Sam Farrugia fuq dan ir-rigward.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li f'din is-sena l-attendenza għal Festa Ħut naqset u hemm il-ħsieb li għal sena oħra l-attivita' tinbidel it-tema tagħha u ssir f'Ġunju u filgħaxija.

Kien hemm qbil fuq dan.

7.4.3 Is-Sindku qal li kellmitu d-direttriċi tad-Day Centre għall-anzjani fejn talbitu biex il-Kunsill iħallas it-trasport għall-anzjani li jattendu minn barra r-raħal.

Ma kienx hemm qbil fuq dan, minħabba li l-Kunsill ma jħallasx għal attivitajiet għal persuni minn barra r-raħal u minħabba l-fatt li dawn il-persuni jħalsu miżata biex jattendu d-Day Centre, għalhekk għandu jkun id-Day Centre stess li jissuġġlixxi t-trasport.

7.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq Mistoqsija Parlamentari numru 20131 mressqa mill-Onorevoli Toni Bezzina.
'Jista l-Ministru jara li ssir zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza kantuniera ma' Triq il-Passju ż-Żurrieq peress li din it-triq hi perikoluża u traffikuża għal min jipprova jaqsam min-naħa għall-oħra tat-triq?'

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li xi snin ilu l-Kunsill kien talab l-approvazzjoni ta' 3 zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza, imma saret waħda biss minnħabba li r-residenti ta' fejn kienu ser jiġu installati tali crossings ma aċċettawhomx quddiemhom.

It-talba lill-Transport Malta għal tliet zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza u ingħataw permessi għalihom kienu dawn :

a. Vjal l-Indipendenza viċin Triq Dun Gejt Muscat
b. Vjal l-Indipendenza viċin Triq Bubaqra
c. Vjal l-Indipendenza viċin Triq it-Torri (li tinsab qrib Triq il-Passju)

Meta l-Kunsill kien lest li jibda x-xogħol fuqhom,

sab diffikkultajiet kbar minħabba li r-residenti, li z-zebra crossing, kienu ġejjin quddiemhom ma aċċettawhomx, għax kien ser jidħlilhom l-ilma fil-basement tagħhom u għaliex ma kienux jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom sa 10 metri bogħod mir-residenza u għaliex kienu ser jostakolawlhom il-garaxx.
Filfatt minn dawn it-tliet permessi, ġiet implimentata zebra crossing waħda fi Vjal l-Indipendenza viċin Triq Bubaqra.

Kien hemm qbil li tingħata din l-ispjegazzjoni għal tali mistoqsija parlamentari.

7.4.5 Is-Sindku ressaq ilment minn resident fi Triq San Pawl li qed jallega li meta tagħmel ix-xita, jidħollu ħafna ilma ġol basement tiegħu, minħabba xogħol li sar mill-WSC. Kien hemm qbil li r-resident ikun iggwidat biex jagħmel l-ilment tiegħu lill-WSC.

7.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq Santa Katarina fejn qed jitlob li quddiem ir-residenza tiegħu tinqala t-triq u terġa ssir mill-ġdid.

Kien hemm qbil li għandu jsir patching bil-*hot asphalt* fejn hemm trinka mniżla biss u mhux dak li qed jitlob ir-resident.

7.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment minn resident fi Triq Ta' Ciantar fejn qed jitlob li minħabba li l-ġbir tal-iskart bieb bieb qed idum wisq u l-qtates jilħqu jqattgħu l-borża tal-iskart, qed jitlob permess mill-Kunsill biex iwaħħal reċipjent mal-faċċata tar-residenza tiegħu, biex idaħħal il-borża fih.

Kien hemm qbil li dan il-każ ser jieħu ħsiebu l-Kunsillier Kenneth Farrugia, sabiex ikun żgurat li ma jkunx ta' inkonvenjent għal min juża l-bankina.

7.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex triq bla isem fi Triq Fra Gan Marie Zammit tkun tissemmha għal San Gorg Preca.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat ismijiet tat-toroq biex jikkunsidra t-talba.

7.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill intalab jagħti l-veduti tiegħu fir-rigward li resident qed jitlob li parti minn bankina għall-iżvilupp (fi Triq Saverjo

Laferla.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill, jivverifika għalfejn ser jinbidel l-alignment tat-triq u min hu s-sid tal-art imsemmija. Wara dan il-Kunsill ikun jista jagħti l-veduti tiegħu lill-MEPA.

Kien hemm qbil fuq dan.

**7.5 Skala 10 – Impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri, tmiem il-probation period tal-impjegat Omar Farrugia**

7.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li skont il-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsill dawk li jkunu ilhom 5 snin impjegati fuq skala 11, jitilgħu awtomatikament fi skala 10.
Kien hemm qbil li l-impjegati s-Sinjuri Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri jitilgħu għal skala 10.

7.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sur Omar Farrugia spiċċalu ż-żmien tal-probation ta' sitt xhur. Hi qed tissuġġerixxi li s-Sur Omar Farrgua jinżamm mal-Kunsill għax ix-xogħol li jagħmel hu sodisfaċenti.

Kien hemm qbil fuq dan.

***7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – It-Tielet Kwart***

7.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart, imħejji mill-accountant tal-Kunsill.

Dan ġie approvat biex jintbagħat.

*7.7* **Tiġdid ta' Kuntratti :**

**RP 67/05/14 – Maintenance of Access Roads and Access only and pedestrian streets – Patching**

**PC 67/06/13 – Cleaning & Attendance of Public Conveniences**

**BR67/15/13 – Collection of Bulky Refuse**

**PRT-LH 67/03/14 – Supply of Letterheads, Complimentary Slips, Envelopes, Business Cards, Receipt Books**
**PRT-KN 67/04/14 – Supply of Printed Material**

7.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħames kuntratti wasallhom iż-żmien biex jiġġeddu għal sena oħra.

Kien hemm qbil li jiġġeddu l-Kuntratti kollha bla kundizzjonijiet ħlief għall-kuntratt **BR67/15/13 – Collection of Bulky Refuse.**

Il-Kunsillier inkarigat mill-Ambjent u indafa, fil-lokalita' s-Sur Kenneth Farrugia oġġezzjona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded, minħabba l-fatt li hu qed ikollu ħafna ilmenti minn residenti li jiġu mwegħda li ser jinġabrilhom l-iskart goff u l-kuntrattur ma jmurx. Fost dawn ikun hemm residenti li jieħdu siegħat frank mix-xogħol tagħhom u jibqgħu jistennew dan is-servizz ta' xejn. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-kuntrattur anke qed ikellem lir-residenti ħażin, waqt il-ġbir.

Is-Sindku qal li hu ftit ġimgħat ilu, kiteb ittra ta' twissija lil dan il-kuntrattur u minn dak inhar 'il hawn is-servizz immeljora ħafna.

Kien hemm qbil li tali kuntratt ikun imġedded għal sitt xhur biss bil-kundizzjoni li jekk il-Kunsill jerġa jkollu ilmenti simili jkun f'pużizzjoni li jittermina l-kuntratt.

F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu mhux ser jibqa jieħu ħsieb dan il-kuntratt ġaladarba ser jibqa l-imsemmi kuntrattur, għaliex hu lanqas jaqbel mal-klawżola li semma l-Kunsill.

### *7.8 Attivita' ta' San Martin fl-iskola Primarja*

7.8.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Kap tal-Iskola Primarja biex il-Kunsill jerġa jgħati l-għajnuna tiegħu fl-attivita' ta' San Martin.

Minħabba li s-sena l-oħra l-Kunsill kien ħallas għall-frott tal-borża ta' San Martin u waqt l-attivita' lanqas biss kien mistieden jattendi, ma kienx hemm qbil li terġa tingħata tali għajnuna.

### *7.9 Vjal ix-Xarolla*

7.9.1 Is-Sindku qal li wara ħafna pressjoni minn leġislazzjonijiet diversi mil-Kunsill Lokali, fil-budget 2016 ġie msemmi li Vjal ix-Xarolla ser titwessa.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li minn informazzjoni li għandu l-espropjazzjoni tal-art diġa bdiet u li jekk il-Kunsill irid, hu setgħa jitlob laqgħa maċ-Ċermen ta' Trasport Malta biex il-Kunsill ikollu aktar informazzjoni fir-rigward.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kien ta' sodisfazzjon għalih li jisma li din it-triq ser titwessa, wara d-diversi talbiet li agħmel il-Kunsill.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Onorevoli Prim Ministru, fejn ikunu ukoll ikkupjati l-Onorevoli Ministri Joe Mizzi u Edward Scicluna u tintalab aktar informazzjoni ta' meta ser jibda x-xogħol fit-triq, ħalli l-Kunsill ikun f'pużizzjoni li jinforma lir-residenti.

**7.10 Attivitajiet u Tiżjien tal-Milied**

7.10.1 Għal din is-sena t-tiżjien tad-dawl tal-Milied fi Triq P P Saydon imiss li jsir mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria filwaqt li dawk ta' Bubaqra jmiss lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina li tieħu ħsiebhom. Kien hemm qbil li dawn ikunu infurmati.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixa li tinġib stima biex l-armar tal-Milied jinbidel f'dawl LED.

7.10.2 Is-Sindku talab biex s-Segretarju Eżekuttiv tiġbor stimi ta' ikliet tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff.

7.10.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għall-Christmas Village fejn il-Mitħna tax-Xarolla għadha ma ġietx evalwata u l-Kunsill għadu qed jistenna risposta.

***7.11 Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

7.11.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir grif fit-tarmak tat-Triq Wied Babu k/m Triq il-Kanġu minħabba li qed ikun hemm ħafna żlieq ta' vetturi.

Kien hemm qbil li x-xogħol jingħata lill-kumpanija li għandha t-tender tar-resurfacing tat-toroq - Schembri Infrustructors.

7.11.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima rrappurtat bozza li ila maqtugħa aktar minn ħmistax –il ġurnata, fi Triq Santa

Katarina.

7.11.3 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li tkellem mal-kumpanija Polidano Brothers li qed tagħmel proġett fi Triq Fra Gan Maire Zammit imma għadu ma ġabx l-informazzjoni meħtieġa fuq l-parti li għandha tingħata lill-Kunsill, biex tintuża għal skopijiet tal-komunita'. Hu qal li ser ikompli jinsisti biex iġib l-informazzjoni.

7.11.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jitkellem fuq il-culvert li hu meħtieġ li jsir fi Triq Wied Babu, biex ir-residenti ma jibqgħux ibgħatu bl-ilmijiet fil-*basements* tagħhom.

Kien hemm qbil li terġa tinkiteb ittra lit-TM.

7.11.5 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li qed jidħlulu ilmenti fuq art li għadha mhux mibnija fi Triq Dun Salv Magri, u li qed jitfgħu l-iskart fiha.

Kien hemm qbil li jekk il-Kunsill ikollu informazzjoni mir-residenti stess, fuq min hu s-sid ta' din l-art, ikun jista jieħu l-passi meħtieġa.

7.11.6 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq:

- Il-Kuntratt tat-tindif fit-toroq mhux urbani - Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ġimgħa l-oħra l-każ inqata mill-Qorti li hi mhix f'pużizzjoni li tevalwa l-każ, ġaladarba dan ġie evalwat mill-board tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil li dan il-każ, jittella item fis-seduta li jmiss.

- Siġar tal-fikus li ser jinqalgħu mill-Pjazza ta' Raħal Ġdid. - Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jitlobx għal tali siġar minħabba li dawn jagħmlu ħsara bl-għeruq tagħhom.

7.11.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li terġa ssir *sleeping policeman* fis-*service road* ta' Vjal il-Blue Grotto, bejn Triq it-Tunnara u Triq il-Qroll, fuq suġġeriment ta' resident.

Kien hemm qbil li jekk tali resident irid din is-*sleeping policeman* quddiem ir-residenza tiegħu, l-Kunsill ikun lest li jitlob għall-permess ta' TM.

7.11.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għal sena oħra l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq bil-kollaborazzjoni taż-Zurrieq Wolves ser jerġa jorganizza l-Half Marathon. Hu qal li kull sena jiżdiedu l-parteċipanti u minn 200 parteċipant fl-ewwel edizzjoni, din is-sena ser ikun hemm ftit aktar

minn elf parteċipant.
Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi tmiem il-maratona, jkun hemm il-preżentazzjonijiet u kliem mis-Sindku.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni biex għal din is-sena fuq it-T-Shirts ikun hemm ukoll ir-reklam tal-Kunsill Lokali u mhux kif kien ġara fi snin preċedenti li dan jinqabeż. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Dino Bonnici jiġbed l-attenzjoni fuq dan.

7.11.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq kemm kienet l-ispiża li l-Kunsill ħallas għall-proġett li kien pjanat li jsir fi Triq Gervaze Mattew. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ispejjeż involuti kienu laħqu madwar 25,000Euro.

F'dan il-punt, is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt attivita' iltaqa' mal-Onorevoli Michael Falzon u mhux b'mod uffiċċjali, nfurmah li l-Kunsill kien ser jingħata art alternattiva għal dik ta' Triq Gervaze Mattew u l-ispejjeż li l-Kunsill nefaq mhux ser jintilfu għax ser jagħddu fuq l-art l-oħra. Is-Sindku qal li sa seduta oħra jkollu aktar informazzjoni.

F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jrid jinforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien mexa dejjem b'mod korrett fuq il-proġett tal-art fi Triq Gervaze Mattew u kif tefa' l-applikazzjoni għand il-MEPA kien informa lid-Dipartiment tal-Artijiet, li din min-naħa tagħha qatt ma oġġezzjonat jew wriet li kien hemm xi terzi persuni interessati fl-istess art. Hu żied jgħid li dan kollu kien jista jikkonfermah il-perit li ħadem fuq tali proġett.

7.11.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-klinika tad-dentisti fi Triq Matteolo Saliba, talbet biex issir rampa quddiem il-klinika tagħhom.

Kien hemm qbil li ssir rampa fil-bidu ta' Triq Matteolo Saliba k/m Triq Sant Andrija biex isservi għal kull min juża tali bankina.

7.11.11 Il-Kunsillier Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsill talab diversi drabi lill-kumpanija Waste Collection Ltd biex tiżbor is-siġar ta' Triq Wied Babu imma għaddew ġimgħat u dawn baqgħu ma sarux.

Kien hemm qbil unanimu li minħabba li tali kumpanija mhux qed tonora x-xogħol meħtieġ, qabel ma jinżabru tali siġar, il-pagament li hemm imniżżel fl-iskeda ta' pagamenti ma jingħatax u tinkiteb ittra f'dan ir-rigward.

7.11.12 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Kuntrattur tal-*patching* biex jagħti b'donazzjoni lill-Kunsill, xogħol ta' rampa fejn il-grawnd tal-futbol taż-Żurrieq. Kien hemm qbil li ssir tali talba.

7.11.13 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab lill-Kunsill biex jagħti wiċċ lill-Sqaq Franżina.

Kien hemm qbil li minħabba li tali sqaq jinsab bla wiċċ, il-Kunsill jerġa jitlob lill-Transport Malta biex tagħmel ix-xogħol meħtieġ.

7.11.14 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li wara li l-Kunsill Lokali għamel il-culvert u l-marki tat-toroq fi Triq il-Kunċizzjoni, ir-residenti ġew infurmati li x-xogħol sar bis-saħħa ta' persuna li ikkontestat l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali f'isem il-PN u li din il-persuna ma ġietx eletta.

Is-Sindku qal li sema wkoll minn qal li tali xogħol sar bis-saħħa tal-Onorevoli Toni Bezzina.

## *7.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

7.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€51,831.88**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia u mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard.

## *7.13 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

7.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18ta' Novembru, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati,

illum ______ ta' Novembru, 2015.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |